**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Ilum, 11 ta' Lulju, 2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**-vs-**

**Abdell Raouf Mohfoudi Ali Hassan, detentur tal-karta ta' I-identitä 49044A**

**Kumpilazzjoni Nru: 511/2023**

Il-Qorti,

Rat I-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Abdell Raouf Mohfoudi Ali Hassan** u eioe' talli:

Fit-2 ta' Lulju 2023, ghall-habta tal-hdax ta' bil-lejl (23:00hrs), minn Triq ilLunzjata, Santa Venera: -

1. Ikkommetta serq ta' vettura (mutur) ta' ghamla Yamaha Neos, bin-numru ta' registrazzjoni FBR396, u/jew oggetti ohra, liema serq huwa aggravat bilhin, xorta tal-haga misruqa u bil-valur, billi I-valur tal-oggett jew oggetti misruqa huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin Cente±mu (€232.94) iida mhux iijed minn elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin Centeimu (€2,329.37), liema serq sar ghad dannu ta' Elton Anthony Xuereb u/jew persuni ohra;

2. U talli fl-istess data, hin, lok u ċirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u ċioe' ghamel hsara f'vettura (mutur) ta' ghamla Yamaha Neos, bin-numru ta' registrazzjoni FBR396, liema hsara ma tiskorrix 1-elfejn u hames mitt euro (€2,500), iżda hija iżjed minn mitejn u hamsin euro (€250) u dan ghad-dannu ta' Elton Anthony Xuereb u/jew persuni ohra;

3. U aktar talli rrenda ruhu reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu.

11-Qorti hija ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-imputati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt 1-udjenza mizmuma Ilum 1-imputat ammetta ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti dejjem osservat dak li jiddisponi 1-Artikolu 453(1) ta' 1-Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu kif rei applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, u cioe' wara li 1-imputat wiegeb li huwa hati ghal imputazzjonijiet li ngabu fil-konfront tieghu, din ilQorti wissietu b'mod 1-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata imien xieraq sabiex jekk xtaq jerga' lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat 1-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi 1-imputat ammetta 1-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant, fuq 1-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu kif ammessa minnu.

Dwar il-piena 1-Qorti hadet in konsiderazzjoni tal-ammissjoni bikrija ferm tieghu, tal-fedina penali xejn sabiha tieghu u taċ-ċirkostanzi tal-kai.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat 1-artikoli 261(c)(f)(g), 267, 270, 271(g), 280(1), 281 u 325(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali, issib 1-imputat hati tal-

imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, tikkundannah ghal sena (1) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali qed jigu sospizi ghal sentejn (2) millum.

l1-qorti spjegat lill-hati bi kliem li jiftiehem sew il-konsegwenzi kemm il-darba jikkometti reat iehor fil-perjodu operattiv tas-sentenza appena moghtija.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**